# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 464/01mm**

**Keyland Real Estate Co. Limited**

**vs**

**Joseph u Antonia konjugi Manicaro**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta'elf lira Maltin (Lm1000.00) eskluz t-taxxa fuq il-valur mizjud, rapprezentanti senerija dovuta in konnessjoni mal-bejgh tal-fond

Flat 2, ONYX Flats, Mondion Street, Fgura, liema bejgh sar permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Marzu, 2001, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, u dana ai termini tal-ftehim datat 4 ta' Ottubru, 2000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-23 ta' April, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut naqsu u ma dehrux, la fil-11 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.